# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2560

Każ numru 3292/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

Bejn
Jennifer Camilleri
K.I. 537761(M)
u
Stainless Steel Products Limited

*Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta.*

**Chairman : James Henry Pearsall**

**Illum : 29 ta' Ottubru, 2018**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentat mis –Sinjura Jennifer Camilleri lit-Tribunal Industrijali fil-15 ta' Settembru 2014, fejn issostni li is-socjeta' intimata meta itterminatilha l-impjieg taghha dan ma sarx ghar-raguni ta Redundancy stante, li xogholha ghadu qed isir minn persuni ohrajn.
Is-Sinjura Jennifer Camilleri tghid ukoll li il-principju tal-*Last in First out* ma giex applikat fil-konfront taghha. Ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha ma kienetx wahda gusta u skond il-ligi.

Minn naha taghha is-socjeta' Stainless Steel Products Ltd., permess tad-dikjarazzjoni taghha datata 5 ta' Novembru, 2014, tghid li l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma kienetx ghal raguni ta' Redundancy hija infondata sia fil-fatt u sia fid-dritt. Is-socjeta' tirritjeni wkoll li fil-kategorija tar-rikorrenti ma kien hemm l-ebda impjegat iehor u ghalhekk il-principju ta' " *Last In First Out*" mhux applikabbli f'dan il-kaz

It-Tribunal zamm erbatax-il seduta, ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit fil-Liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba miz-zewg partijiet, kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

Is-Sinjura Jennifer Camilleri li minn issa il-quddiem ser tkun riferuta bhala r-rikorrenti qed tkun rapprezentata mill-GWU permez ta' l-Avv. Dr. Abigail Critien.
Il-Kumpanija Stainless Steel Products. Ltd., li minn issa il-quddiem ser tkun riferuta bhala is-socjeta' intimata qed tkun rapprezentata mill- Avv. Karl Briffa.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrenti kienet giet impjegata bhala *part time clerk* mis-sena 2005, fuq bazi ta' kuntratt jiggedded kull sena u fit-2010 hi giet fuq bazi indefinita.
Ir-rikorrenti giet infurmat permezz ta' ittra datata 16 ta' Lulju, 2014, li l-impjieg taghha kien qed jigi itterminat fuq bazi ta' *Redundancy*.

4. **Il-lista ta' xhieda:**

Xhieda imressqa ser tkunu skond kif elenkati fil-listi annessi, kemm fir-rikors tar-rikorrenti, kif ukoll fir-risposta tas-socjeta' intimata.

5. **Il-lista ta' dokumenti:**

Dokumenti ipprezentati mir-rikorrenti / Socjeta' intimate kif ukoll minn rapprezentant tal-Jobs Plus mmarkati bhala Dok (JC 1; JD 1sa 8; JS 1 sa 5; MM J2; GW 1; KB1; AV/VC 1.
Kopja tal-Ftehim Kollettiv tas-socjeta intimata.

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**Joe Delia;** CEO tas-socjeta' intimata ta' spjegazzjoni dettaljata rigward is-sitwazzjoni li kienet ghaddejja minnu is-socjeta' u li minhabba f'hekk kellha tirrikorri ghall-ezercizzju ta' ristrutturar, fejn l-ewwel passi kienu li tinzamm policy ta' 'Natural Attrition' qabel ma tasal sabiex tnaqqas impjegati ohra. Hu elenka fid-dettal il-gradi kollha milquta mill-pjan tar-ristrutturar, fir-rigward tas-sitwazzjoni tar-rikorrent spjega li hi kienet tahdem ghal xi 25 siegha fil-gimgha, id-doveri li kien hemm bzonn mill posizzjoni li ir-rikorrenti kienet tokkupa nizlu ghal mhux aktar minn 5 sieghat fil-gimgha, ghax hafna mit-tasks li kienet taghmel ir-rikorrent kien spiccaw.(Rif Seduta 4/02/205 pagna 15; 17)

**Laurence Zammit**: Direttur tal kumpanija Misco' li tahdem fil-branka ta' HR, fix-xhieda tieghu spjega b'dettalji fir-rigward tad-distinzjoni bejn id-doveri ta' grad u iehor u ir-responsabilita li igorru il-gradi differenti u liema grad jista jezercita doveri wiehed aktar mill-iehor. (Rif Seduta 13/05/2015).

**David Lombardo**: General Manager tas-socjeta' intimate, fix-xhieda tieghu spjega li is-socjeta intimata kienet f'sitwazzjoni fejn l-*overhead expenses* kienu gholjin u il-*core production expenses* kienu aktar baxxi. Hu spjega kif il-gradi tan-*non core production* bdew jigu effettwati inkluz dak tar-rikorrent li kienet taghmel parti minn *non-core production*.(Rif Seduta 13/05/2015).

**Vincent Cutajar:** Head of Accounts & Administration tas-socjeta' intimata fix-xhieda tieghu spjega diversi komponeti tax-xoghol li kien isisr fl-amministrazzjoni (tasks) u sostna li ir-rikorrenti kienet taghti biss assistenza ta' doveri (Rif Seduta 10/06/2015 pag 6/7).

**Paul Bugeja:** Segretarju tat-Taqsima Metal tal-GWU fix-xhieda tieghu spjega kif filwaqt li ir-rikorrent kienet membru tal Union hi ma kienetx taghmel parti mill-ftehim kollettiv ta l-impjegati mas-socjeta' intimata. (Rif Seduta 4/11/2015 pag 7).

**Jennifer Camilleri:** ir-rikorrent fix-xhieda taghha spjegat kif bil-mod il mod id-doveri taghha bdew jigu imnaqqsa u mghotija lil-impjegati ohra li hi tallega li kienu gew impjegati wara li kienet giet impjegata hi. Hi tghid li kienet **tghin** fl-accounts (Rif Seduta 12/11/20114 pag 2). Kienet **tghin** lill Joe Gauci u lill-Vince Cutajar , kif ukoll lil Raissa Pavia li kienu jaghmlu il-wages kif ukoll fl-accounts (Rif Sed 10/12/2014 Pag 6;7;8 ). Ir-rikorrenti ikkonfermat li xi partijiet minn doveri (production orders) gew mghoddija sabiex isiru minn Mary Muscat li kienet ilha tahdem hemm min qabel giet impjegata hi (pag 10). Ir-rikorrenti fix-xhieda taghha qalet li minn 15 il-sena l-hawn kemm kienet ilha tahdem mas-socjeta' intimata minn 18 il-impjegat fl-amministarzzjoni spiccaw qed jahdmu xi 7 jew 8. (pag 21).

## 7. Is-sinteżi tat-trattazzjoni finali tal-każ:

**L-Avv Dr Karl Briffa** iffoka it-trattazzjoni tieghu fuq diversi punti fejn spjega li is-socjeta' intimata kienet ghaddejja minn fazi ta' ristrutturar meta kienet qed tigi rinfaccjata b'kompetizzjoni qalila, u b'margini ta' profit veru marginali , u b'ordnijiet ghall-produzzjoni dejjem jitbaxxew.

**Dr.K. Briffa** spjega li is-socjeta' fasslet il-pjani taghha fuq id-direzzjoni li l-ewwel harset lejn '*policy of attrition'* fis-sens li l-impjegati li kienu ser jispiccaw b'hekk immsejjah *natural wastage* dawk ma kienux ser jergghu jigu impjegati. It-tieni punt kien li is-socjeta' intimata bdiet tikkoncentra fuq qtugh ta' spejjez minn kull att possibbli u ghalhekk harset li izzomm il-htiegijiet marbuta ma' dak li jissejjah l-abbilta' centrali tal produzzjoni (Core productive force).

**Dr. K. Briffa** spjega kif ittrattaw il-posizzjoni ta' rikorrenti f'dik il-funzjoni tax-xoghol li kienet taghmel fil-perjodu li kienet impjegata, u anke spjega kif gew ikkwantifikati l-elementi tax-xoghol li kienet taghmel u li ma kienux jittotalizzaw ghal aktar minn hames 5 sieghat fil gimgha. **Dr. Karl Briffa** sosstna li il-pjan tar-ristrutturar ma kienx intenzjonat specifikament biss fuq ir-rikorrenti izda fuq numru ta' impjegati f'diversi posizzjonijiet u gradi u dan sehh gradwalment f'perjodu ta zmien.
**Dr K. Briffa** irritjena li f'din id-decizjoni li ittiehdet fuq ir-rikorrenti , il-principju tal "*Last In First Out*" ma kienx iregi fil-kaz ta' l-impjegata Raissa Pavia ghax din kienet impjegata fil-grad ta' *Accounts clerk* u mhux ta' *clerk,* il-grad li kellha ir-rikorrent. **Dr Briffa** spjega kif xi funzjonijiet *(Tasks)* li kienet taghmel ir-rikorrenti inghataw lil persuna ohra li kella grad ta' PA u li din kienet ilha impjegata ferm aktar qabel ir-rikorrenti, u li dan gie ikkonfermat mir-rikorrenti stess.

**l-Avv Dr. Abigail Critien** ghan-naha tar-rikorrenti argumentat fuq l-ewwel punt li ir-rikorrenti kienet tahdem fuq *production sheets* minn zmien is-Sur G. Wells u kompliet taghmel dan anke matul it-tieni impjieg taghha mas-socjeta' intimata. **Dr. Abigail Critien** tghat spjegazzjoni ta' x'kienet taghmel ir-rikorrenti fir-rigward fejn jidhlu il-pagi , u ikkontestat li il-hin li ir-rikorrenti kienet tahdem fuqhom kien imur lill hinn minn ftit tal-hin li seta jaqa' that pretest ta' *redundancy.*
**L-Avv Dr. Abigail Critien** ikkontestat il-fatt li filwaqt li kellu isir program ta' ristrutturar u li fih kellhom jispiccaw mill-impjieg numru ta' impjegati, tghid li kienet biss ir-rikorrenti li spiccat mill-impjieg wara li saret xi tip ta'
kamuffa. **Dr. Abigail Critien** gibdet l-attenzjoni li skond id-dokumenti tal-JobsPlus nies li huma *over retirement age* ghadhom qeghdin jahdmu mas-socjeta' intimata fuq il-premessa li huma *outsourced*.
**Dr. Abigail Critien** isosstni li ir-raguni ta' *Redundancy* li intuzat mar-rikorrenti kienet biss skuza, ghax kieku stess ir-rikorrenti kellha tinghata il-*gratuity* u il-beneficjci ohra kif spjegati fil-Ftehim Kollettiv, u li minn dawn ir-rikorrenti ma hadet xejn.

**L-Avv Dr. Karl Briffa** rribbata l-argument li xi impjegati li kienu suppost spiccaw mill-impjieg kienu ghadhom jahdmu mas-socjeta' intimata. Hu spjega li dan ma kienx il-fatt izda kien hemm trasformazzjoni ta' certi doveri u ir-impjieg ta' whud minn dawn l-impjegati, il-pjan ekonomika tas-socjeta' intimata baqa' miexi fl-istess linji, dak ta' iffrankar ta' flus. **Dr. Karl Briffa** indirrizza l-indikazzjonijiet kollha fir-rigward ta' numru ta' nies li gew indikati li ghadhom fil-kapacita ta' impjieg mas-socjeta' intimata, izda li fil-fatt dawn ma kienux. **Dr. Karl Briffa** spjega id-distinzjoni bejn impjegati li jaqghu taht ftehim kollettiv u dak li jaqghu taht kuntratt ta' impjieg u ir-rikorrenti ma setghetx taghmel uzu bejn wiehed jew l-iehor, kif ukoll li skatt tal-beneficcji fil-ftehim kollettiv seta jsir biss skond kif miftiehem.

## 7.1 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:

It-Tribunal Industrijali f'kaz ta' terminazzjoni minn impjieg ghal raguni ta' "**Redundancy**" irid jaccerta ruhu jekk id-decizjoni mehuda kienetx wahda iggwidata minn numru ta' premessi, taht elenkati, sabiex jara jekk id-decizjoni mehuda mis-socjeta' intimata kienetx ghar-raguni gusta aktar milli jekk kienetx wahda ragonevoli.

(a) Ir-ristrutturar kif riferut mis-socjeta' intimata sar minhabba ragunijiet kummercjali jew inkella ghall tkabbir fl-efficjenza tas-socjeta sabiex waslet ghar-**Redundancy**?
(b) X'jikkonstitwixxi "**Redundancy"**
(c) L-impjieg u id-doveri li kellha ir-rikorrenti spiccaw ghall kollox li seta' jikkonstitwixxi " **Abolition of post**"?
(d) Is-socjeta, waqt il-process ta' ristrutturar, ghamlet uzu minn xi process konsultattiv ma' l-individwu/a koncernat/a ?
(e) Is-socjeta' imxiet b'ekwita meta hadet id-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg?
(f) Is-socjeta' intimata stharrget il-possibilita' ghall impjieg alternattiv?

It-Tribunal Industrijali mix-xhieda li inghatat min naha tas-socjeta' intimata seta jikkomferma li is-socjeta' kella ragunijiet validi, bi pjan ippreparat, sabiex timxi fid-direzzjoni ta' ezercizzju ta' ristrutturar u l-aktar raguni responsabbli kienet li is-socjeta' intimata ma riedetx tirriskja li flok tittermina l-impjieg tal-ftit ikollha tasal sabiex tghalaq il-biebien taghha.

Il-pjan tar-ristrutturar li kien ipprezentat kien wiehed mahsub u li kien isegwi ezercizzi ohra, li kienu sehhew fi zmien qabel mis-socjeta' intimata u li kellhom is-sostenn ta' ghajnuna mill-Gvern minhabba ragunijiet ekonomici, sabiex l-impjegati tas-socjeta' intimata jahdmu gimgha imnaqqsa flok ma jitkeccew. (dok GWU 1)

Ghalhekk il-kaz tar-Redundancy ghandu jkun segwit f'kuntest fejn meta issir rikostruzzjoni ta' Job description fi gradi ghola fejn maghhom jigu integrati komponenti minn doveri ohra, u mhux neccessarjament id-doveri shah ta' xi grad ezistenti, sabiex b'hekk tkun tista tikber il-flessibilta' u jinzamm l-anqas riskju meta jigu terminati xi impjegati

F'dan il-kaz odjern kienu biss parti mill-komponenti u mhux doveri shah li kienet taghmel ir-rikorrent li gew imnehhija mill-job description taghha u li gew mizjuda ma' dawk ta' impjegata li kellha grad ghola ta' Accounts Clerk, (doveri ghola minn ta' Clerk) u li kellha hafna aktar doveri akbar fl-istess branka ta' xoghol minn dawk li kienet taghmel ir-rikorrenti u li ghalkemm kellha anqas anzjanita fis-socjeta' intimata, il-grad taghha kien distint minn dak ta' Clerk. Fil-grad ta' Accounts Clerk l-impjegata riferuta kienet taghmel hafna aktar doveri, ta' responsabilita' ghola minn dik ta Clerk, filwaqt li xi komponenti (tasks) ohra mid-doveri li kellha ir-rikorrenti tqassmu lil-impjegata ohra li kellha anzjanita' mal-kumpanija aktar mir-rikorrenti. Dan kien jikkombacja tajjeb ma l-ezercizzju tar-ristrutturar, meta dan sar kemm ghall raguni ta' efficjenza kif ukoll ghall kunsiderazzjoni ta' anqas spejjez, u ghalhekk ir-redundancy kellha aktar validita'.

It-tribunal Industrijali huwa konxju li is-socjeta' intimata setghet kienet aktar razzjonali meta qaghdet il-bod milli tinforma, b'mod dirett, lir-rikorrent b'dak li kien qieghed jigri fil-process ta' ristrutturar, anke jekk ir-rikorrenti ma kienetx taghmel parti la mill-Ftehim Kolletiv, kif ukoll minn dak il-grupp imsejjah produttiv li

huwa il-pern li fuqu is-socjeta' intimata setghet biss tibbaza l-ezistenza ta' l-operat taghha, fl-isfond tar-ristrutturar.
It-Tribunal innota ukoll li in-numru ta' impjegati ohra fis-socjeta' intimata u li kienu parti integrali mill-ezercizzju ta' ristrutturar regghu gew impjegati b'modi u kundizzjonijiet differenti milli kellhom qabel, u li dan sar fil-kuntest ta' tnaqqis ta' spejjez mis-socjeta' intimata. Dan bl-ebda mod ma kien jimpingi fuq l-ezitu ta' dak li gara lir-rikorrenti meta id-doveri li inghataw dawn l-impjegati ma kellhomx x'jaqsmu ma dawk li kienu isiru mir-rikorrenti. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi tar-ristrutturar li sehh, ma kienx possibbli li jigi offrut impjieg alternattiv lir-rikorrenti relattat mall-kompetenzi li kellha bzonn is-socjeta' intimata.

It-Tribunal Industrijali ha konjizzjoni tal-fatt li ir-rikorrenti ma kienetx taghmel parti mill-Ftehim Kollettiv u dan gie ikkonfermat mill-istess xhieda li inghatat (Rif seduta 4/11/2015 pagna 7), ghaldaqstant il-beneficcji elenkati fil-ftehim kollettiv huma eligibbli ghalihom biss l-impjegati kif specifikati fil-ftehim.

**8 Id-deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet.

Tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet li evalwa it-Tribunal Industrijali fil-kuntest ta' l-ezercizzju ta' ristrutturar, fil-kuntest holistiku tieghu, jaqta' u jiddeciedi li it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti saret fuq bazi ta' Redundancy u ghaldaqstant kienet terminazzjoni gusta u skond il-Ligi.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James H. Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja